**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA  2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 10 –AĠĠORNAMENT**

l-ERBGĦA 3 TA' ĠUNJU 2009 FIS-1.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR.

**PRE|ENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I JUM TA' XBIEX

i Is-Sindku rreferiet għal attivitajiet ta' Jum Ta' Xbiex . Hija qalet li fit-28 ta' Lulju l-Kappillan talabha tinawgurha l-ftuħ ta' sala fil-kunvent li se tissemma' għal *Gunner* Matthew Psaila li tilef ħajtu traġikament din is-sena. Għaldaqstant hija pproponiet li waqt din l-attivita dan jingħata "Ġieħ ta' Xbiex". Hija pproponiet ukoll li lil l-ex Kappillan Victor Mallia jingħatalu meta jkun bil-vakanzi f'Malta. Il-Kunsill qabel ma dan. Ġie deċiż li lill-ex Kunsilliera li servew matul il-Ħames Leġislatura jingħatalhom is-sena d-dieħla.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll x'attivita għandha tiġi organizzata fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena tas-Sur Sullivan li ilu jgħix f'Ta' Xbiex għal dawn l-aħħar 70 sena u ġie deċiż li jingħata tifkira ta' kommemorazzjoni waqt *bibita* li ssir fil-Kunsill u li għalija jiġu mistiedna l-familjari tiegħu.

## III MOZZJONIJIET

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-minuta tas-seduta preċedenti (2 ta' Ġunju 2009) dwar din il-materja. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ta spjegazzjoni għat-talba msemmija fil-mozzjoni fejn hu qal li jekk iż-żewġ tabelli msemmija jinqalgħu hu lest li jirtira l-mozzjoni. Il-Kunsillier E. Muscat qal li għandu jintlaħaq kompromess li jkun aċċettabli għar-residenti. Il-Kunsillier F. Roe qal li hu dejjem ħadem tajjeb ma kulħadd u xtaq biss li l-Kunsillier A. Cachia Castelletti avviċinah personali u qallu bil-problema. Is-Sindku A. Vassallo qrat emenda għal-mozzjoni. Din ġiet issekondata mill-Viċi Sindku A. Farrugia u l-Kunsillier F. Roe. Kontraproposta tal-Kunsillier E. Muscat li kienet ssekondata mill-Kunsillier A. Cachia Castelletti ma' għaddietx.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

**MOZZJONIJIET(ikompli……..)**

Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-emenda li għamlet is-Sindku u ġie deċiż li l-kliem li hemm fit-tabella tal-itlajjar jiġi nkorporat fit-tabella tas-*CCTV camera*. Ittieħed il-vot u din għaddiet *nem com*.

**Il-laqgħa spiċċa fit-3.30pm u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2009 fil 5.30pm.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv